



Brussell, 30 ta' Ġunju 2025
(OR. en)

10767/25

Fajls Interistituzzjonali:
2023/0208 (COD)
2023/0211 (COD)
2023/0212 (COD)

EF 219
ECOFIN 872
UEM 339
CONSOM 121
CODEC 895
ECB

NOTA

minn:	Presidenza
fi:	30 ta' Ġunju 2025
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Il-Presidenza Toħroġ Nota dwar il-Pakkett ta' Munita Unika għall-ECOFIN ta' Lulju

II-Previdenza Toħroġ Nota dwar il-Pakkett ta' Munita Unika għall-ECOFIN ta' Lulju

I. INTRODUEZZJONI

Fit-28 ta' Ġunju 2023, il-Kummissjoni ppreżentat pakkett ta' tliet proposti għal Regolament, li jiffurmaw Pakkett ta' Munita Unika, dwar:

- l-istabbiliment tal-euro diġitali;
- il-forniment ta' servizzi tal-euro diġitali minn fornituri ta' servizzi ta' pagament inkorporati fi Stati Membri li l-munita tagħhom mhijiex l-euro;
- il-valuta legali tal-karti u l-muniti tal-euro.

Għalhekk, l-għan ġenerali tal-pakkett jinqasam fi tlieta: i/ jistabbilixxi l-leġislazzjoni tal-UE meħtieġa biex tirregola l-istabbiliment tal-euro diġitali bl-immut, komplementari għall-flus kontanti, u l-elementi essenzjali tagħha; ii/ jindirizza d-dimensjoni tas-Suq Uniku għall-euro diġitali billi jipprevedi l-kundizzjonijiet li skonthom il-fornituri tas-servizzi ta' pagament li jinsabu barra ż-żona tal-euro jkunu jistgħu jipprovdu servizzi tal-euro diġitali; iii/ jadotta regoli dwar il-kamp ta' applikazzjoni u l-effett tal-valuta legali tal-flus kontanti tal-UE biex iserraħ moħħ il-pubbliku li l-karti u l-muniti tal-euro ser jibqgħu jikkostitwixxu mezz ta' ħlas aċċessibbli u aċċettat b'mod wiesa' maż-żona kollha tal-euro.

II. SITWAZZJONI ATTWALI

Taħt il-Previdenza Spanjola, Belġjana, Ungeriża u dik Pollakka tal-Kunsill, sar progress sinifikanti fuq firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet importanti, fosthom: il-mudell ta' kumpens għall-euro diġitali; id-distribuzzjoni tal-euro diġitali, inkluż barra miż-żona tal-euro; it-tisħiħ tar-reżiljenza u t-tħejjija tas-sistemi ta' pagament tal-UE mal-użu tal-euro diġitali; l-istatus tal-valuta legali, rispettivament, tal-euro diġitali u tal-karti u l-muniti tal-euro; u, l-iżgurar tal-ogħla livell possibbli ta' privatezza u protezzjoni tad-data għall-utenti tal-euro diġitali, speċjalment permezz tal-funzjonalità innovattiva offline. Il-Grupp tal-Euro qed jagħti kontribut importanti għal kwistjonijiet importanti b'dimensjoni politika, partikolarment il-governanza u l-proċess tat-teħid tad-deċizzjonijiet dwar il-limitu fuq l-ammonti miżmuma u d-deċizzjoni finali biex jitnieda l-euro diġitali.

Jekk l-Istati Membri jaqblu u jieħdu l-impenn għal objettiv li jilħqu approċċ ġenerali fl-2025, ikun irid isir aktar progress fuq dawn il-kwistjonijiet u l-Istati Membri jkollhom jagħtu mandati ċari lill-esperti tagħhom bil-ħsieb tal-finalizzazzjoni tad-diskussjonijiet tal-grupp ta' ħidma u l-preżentazzjoni ta' kompromess dwar il-Pakkett ta' Munita Unika lill-ECOFIN għal deċizzjoni.

III. DIBATTITU TA' ORJENTAZZJONI

Il-Presidenza Daniża tistieden lill-Kunsill ikollu dibattitu ta' orjentazzjoni biex iwitti t-triq lejn approċċ ġenerali dwar l-euro diġitali u l-Pakkett sħiħ ta' Munita Unika fl-2025. Il-ministri huma mistiedna jesprimu l-fehmiet tagħhom fl-ECOFIN dwar il-mistoqsijiet li ġejjin:

1. Taqblu mal-għan li jintlaħaq qbil fil-Kunsill dwar l-euro diġitali u l-Pakkett sħiħ tal-Munita Unika fl-2025?
 2. Taqblu li l-kwistjonijiet pendenti ewlenin huma marbuta mal-governanza tal-limitu tal-ammonti miżmuma u mad-deċiżjoni li jitnieda l-euro diġitali, mal-privatezza, u mal-kumpens?
 3. Taraw xi kwistjoni politika oħra ta' importanza li teħtieġ ukoll tiġi diskussa f'livell Ministerjali?
-